*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 71**

**It-Tnejn 21 ta' Mejju 2018**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Charlot Cassar – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

**71.1** ***<u>Qari tal-ittri ta' apoloġiji:</u>***

**71.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittri t'apoloġiji tal-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar.

**71.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 70 tat-18 ta' April 2018:</u>***

**71.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li paġna 2 artiklu 70.2.2, it-tieni paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*''Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Sindku ltaqa ma' min ser jorganizza din l-attivita' u din l-attivita ser issir fis-26 ta' Ġunju 2018 u għandha ssir fuq is-simenta faċċata tal-knisja''.*

**71.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li paġna 5 artiklu 70.3.1, it-titlu għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

***<u>''Rikjesta għal traffic light u sleeping policeman ħdejn is-sala tal-knisja'':</u>***

**71.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li paġna 7 artiklu 70.6.3, l-ewwel paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*''Is-Sindku informa lill-Kunsill illi ser isir kunċert fis- 6 ta' Lulju u ser ikun hawn il-band ta' William Mangion fejn dawn qed jitolbu €1000 inkluż l-istage u d-dawl, kif ukoll qed jaħsbu sabiex il-kunċert tal-Milied ta' din is-sena jkun ftit differenti u jkollna kunċert mis-Sur Joseph Lija li huwa tenur baritonu u li studja l-muzika r-Russja''.*

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Viċi Sindku Dr. Desiree attard issekondat hekk kif ġew emendati. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 1 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud daħal għal laqgħa fis-6.10pm***

**71.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa fuq paġna 5 paragrafu 70.3.1 jekk hemmx xi żvilupp fuq it-*traffic lights* u l-*isleeping policeman* ta' faċċata tal-iskola.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Perit għadu ma għamilx il-pjanti.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li ma jaqbilx mal-*buildout* għaliex mhux prattika u jekk isiru t-*traffic lights* hekk kif qed jiġu proposti, l-problema ser tiġi solvuta awtomatikament.

Il-Kunsill qabel illi din il-materija ser tiġi diskussa meta jiġu ppreżentati l-pjanti.

**71.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 3 paragrafu 70.2.4 rigward fiex wasal ix-xogħol tal-bandli taż-Żonqor.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-Perit ġibditlu l-attenzjoni illi peress id-diżlivelli li hemm, il-kamra fejn ġejja s-sistema tac-*CCTV* ser jkun hemm problema bl-ilma tax-xita għaliex ser jispicca l-ilma jeqleb il-ġewwa. Huwa kompla jispjega illi l-Perit issuġġeriet tlett alternattivi x'jista jsir. Huwa qal li jew issir *sump* bil-pompa, jew issir trinka ġdida biex jgħaddu pipe iżda ser tkun twila ħafna jew il-kamra ssir mingħajr tħaffir imi tiġi baxxa ħafna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li din il-problema imissa ġiet issetiljata qabel ma

beda il-proġett, għaliex hu ma jridx li x-xogħoliiet jaqu lura.



Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet illi l-soluzzjoni għal din il-problema għanda tiġi solvuta min-naħa tal-Perit għaliex hija l-esperta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa importanti illi dak li ser jsir ma jiżdiedux iktar spejjeż.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**71.2.5.1** Is-Segretarju Eżekuttiv spejga illi għandna problema bil-fondi tal-UIF għaliex id-dawl fil-bandli taż-Żonqor jriduh 3000K u bozza safra, iżda il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri jrid li d-dawl jkun 4000k biex id-dawl ikun abjad simili bħal kumplament tad-dawl. Huwa kompla jispjega illi min-naħa tal-UIF qalulhom illi biex isir dan it-tibdil, trid tiġi diskussa fil-laqgħa tagħhom tal-bord u ser jkun hemm dewmien sabiex il-kuntrattur jordna l-lampi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ma jistax jinqabeż id-*deadline* tal-kuntratt. Huwa kompla jgħid illi d-dawl jrid isir skond kif mitlub mil-UIF.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li aħna nistgħu ngħamlu d-dawl li rridu pero` jekk ma jkunx hemm l-approvazzjoni min-naħa tal-UIF il-flus ma noħduhomx.

Kien hemm qbil li nippruvaw.

**71.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 8 paragrafu 70.6.4 jekk nafux meta ser jibda ix-xogħol fi Triq La Sengle.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għad jrid jiltaqa mal-kuntrattur.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi qed jsir il-*patching* min-naħa tal-*works division* u l-Kunsill qed jiprovdi l-materjal u se jħallas 30% tax-xogħol kif jagħmlu f'kunsilli lokali oħra.

**71.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 8 paragrafu 70.7.1 kif bqajna fuq il-fustun.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunika mal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u qallu li l-kwotazzjoni kienu bgħatuwilna u reġa bgħatilna. Huwa ra l-imejl tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u nforma lil Kunsilliera illi l-kwotazzjoni hija ta €3233 eskluż il-VAT u l-bozzoz ser jkunu 2 *watts clear*.

Il-Kunsill qabel li jsir il-fustun mil-kuntrattur Nexos.

**71.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar informa lil Kunsilliera fuq paġna 8 paragrafu 70.7.2 fejn qal illi is-siġar tal-Bianca minn Ġnien Sant'Anna nqalgħu u dawk li kienu għadhom ħajjien tħallew. Huwa qal li tneħħa ħafna ħmieġ minn ġo fijhom. Huwa qal li fin-nofs ser jitħawlu xi siġar u madwarhom bil-fjuri. Huwa kompla jgħid illi għandhom jitwaħħlu iktar bankijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi l-Olejander hija twila ħafna u trid titbaxxa iktar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li ma tistax titbaxxa iktar mill hi. Huwa spjega li anke ħa parir jekk tistax titbaxxa iktar u yawh il-parir li ma tistax.

**71.2.9** Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard staqsiet kif bqajna fuq paġna 10 paragrafu 70.8.2 rigward il-kuntrattur Saviour Mifsud.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ltqajna mal-kuntrattur u huwa personali mhux sodisfatt bl-andament ta' wara l-laqgħa. Huwa qal li qabel ma kienu aġġudikaw din l-offerta kien staqsa jekk hux possibli li b'erbgħa ħaddiema għal erbgħa siegħat kuljum jsiru t-toroq li suppost jsiru. Huwa qal li l-knies mhux qed jsir kollu. Huwa ġab eżempju li ż-Żonqor mhux qed jsir darbtejn fil-ġimgħa. Qal ukoll li s-Sibt li għadda sar anke bexx fuq

il-bankina meta dan mhux suppost li jsir. Huwa saħaq li għadna noħorġu d-*default notices*.



Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li Bellavista mhux possibli li jsir il-knies minħabba li dejjem bil-karozzi pparkjati fuq żewġ naħat tat-triq.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-ġimgħa li għaddiet il-karretti kienu miġbura fl-10.15 ta' filgħodu u dan wara li diġa konna ġbidnilu l-attenzjoni diversi drabi. Huwa qal li anke ġieli ra persuna waħda għaddeja b'żewġ karretti.

Il-Kunsill qabel li nerġu nkellmuh għal aħħar darba u filkas nibdew noħorġu d-default notices.

**71.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**71.3.1** **<u>Ittra mill-Assoċjazzjoni ta' Campers f'Malta (35/1759/18/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil kunsilliera illi l-PA waħlulhom it-tabelli imma kien hemm żball fin-*notices*, marru ukoll il-Puluzija u rappreżentant mill-*Lands Department* li keċċew lil tal-*caravans* kollha.

Is-Sindku qal illi membri tal-assoċjazzjoni ġew ikelmuh is-Sibt u stidinhom sabiex jiġu waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Huwa kompla jispjega illi ikkomunika mar-rapprezentat tal-*Lands* fejn spjegalu illi l-*caravans* ma jistax jitpoġġew in-naħa tal-baħar u jekk ipoġġuhom mal-faċċata fejn il-ħajt tas-sejjieħ jidħlu fiha Tmalta. Huwa qal li meta tkellem magħhom issuġġerixxa illi jekk jinżlu bil-*caravan* il-Ħadd u jerġgħu jitilqu filgħaxija, il-Kunsill ma kienx ser jsib oġġezzjoni pero` ried jitkellem mal-Kunsill kollhu waqt seduta tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li irridu noqgħodu attenti għaliex man-naħa tal-ħajt tas-sejjiegħ diġa qed jsir xi tindif minħabba il-proġett tal-inwadar.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma jsibx oġġezzjoni jekk il-*caravans* jibqu irmunkati mal-vettura u jinżlu fil-Ħdud u festi pubbliċi u filgħaxija jerġu jitilqu.

**71.3.2** **<u>PA/02070/18 to propose the demolition of exisiting dwellings and construction of four residential dwellings and underlying garage including a reservoir at basement level and water tanks at rood level St.Elias 19A & B Triq San Guzepp Marsaskala:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal skond il-pjanti proposti jidher illi il-garaxxijiet ser joħorġu l-barra mil-*alignment* tal-bini taħt it-triq li hemm quddiem dawn ir-residenzi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jekk it-triq hija pubblika ma jistax jsir dan.

Il-viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet illi ż-żmien tal-oġġezzjoni kien skada.

Il-Kunsill qabel unanimament illi xorta għandha tintbagħat l-oġġezzjoni dwar dan.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri daħal għal laqgħa fis-7.23pm***

**71.3.3** **<u>Proposta għal World Cup mill-Public Broadcasting services:</u>**

Is-Sindku spjega illi l-PBS qed jipproponu illi jsir *big screen* matul il-logħob tal-*world cup* u jkun imxandar b'kollegament dirett mill-PBS għal prezz ta' €600.

Saret diskussjoni fejn jista jsir dan il-*big scree* u ma jsirx fi Pjazza Mifsud Bonnici.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issuġġerixxa illi l-*big sreen* jsir fuq il-*promenade* b'daru lejn il-Fanal restaurant ħalli jkun hemm spazju fejn joqogħdu in-nies.

Il-Kunsill qabel dwar dan.



**71.3.1 Ittra mill-Assoċjazzjoni ta' Campers f'Malta (35/1759/18/I):**

Il-membri tal-assoċjazzjoni tal-*caravans* iffurmati mis-Sur Simon Vella, is-Sur Shaun Fenech, is-Sur Saviour Brincat u is-Sur Mario Psaila ġew waqt il-laqgħa tal-Kunsill u s-Sindku spjegalhom x'kienu għadhom kif iddiskutew dwar din il-materja.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-art mhijiex tal-Kunsill u jista jkun hemm ilmenti mingħand in-nies minħabba li l-Inwadar huwa *ecologically sensitive area* skond il-Pjanijiet Lokali.

Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni li għal ġurnata mhux ser jkun hemm ilmenti għaliex mhux ser jkun hemm monopolji tal-art. Huwa saħaq mal-membri tal-assoċċjazzjoni illi l-*caravan*s jridu jibqu marbuta mal-vettura.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar spjega lil membri tal-assoċjazzjoni sabiex ma jipparkjawx viċin ħafna tal-ħajt tas-sejjieħ minħabba li hemm pjant li qed jsir studju fuqhom.

**71.4 *Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:***

Ma kienx hemm tweġibiet

**71.5 *Rapporti:***

**71.5.4 Risposta tal-Management letter għas-sena finanzjarja 2017:**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta r-risposta tal-*management letter* għas-sena finanzjarja 2017.

Il-Kunsill approva r-risposta għal *management letter* filwaqt li nnota li kienet *management letter* posittiva.

**71.5.1 KLM 2018/01 – Maintenance and construction of pavements, boundary walls and other ancillary works:**

| Offer ID | Name of EO | Price |
|---|---|---|
| 89982 | Karmig Trading Ltd | €67549.00 |
| 89966 | Peter Plant Ltd | €82875.00 |
| 89953 | Catbros Ltd | €65897.35 |
| 89950 | Dimbros Ltd | €70080.45 |

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-*evaluation report* ta' din l-offerta. Huwa kompla jispjega illi dawn l-offerti kienu kollha *administravely, technically u financially compliant* u għaldaqstant il-bord qed jirrakomnda illi din l-offerta tingħata lil Catbors Ltd peress li huwa l-orħos offerent.

***Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard ipproponiet illi din l-offerta tingħata lil Catbros Ltd u il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa tal-opinjoni illi kull offerta għanda tingħata għal sena u tiġġeded għal tlett snin oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-preżent ma jistawx isiru hekk imma qed jiddiskutu sabiex il-kuntratti jerġu jsiru għal sena u jiġġeddu għal tlett snin oħra.

**71.5.3** **<u>KLM 2018/03 – Service of a blacksmith to perform various works to the Marsaskala Local Council:</u>**

| **<u>Offer ID</u>** | **<u>Name of EO</u>** | **<u>Price</u>** |
|---|---|---|
| 91822 | J.C. Wrought Ironwork | €8.00/hr |

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-*evaluation report* ta' din l-offerta. Huwa spjega illi kien hemm offerent wieħed biss u li kien *administravely, technically u financially compliant* u għaldaqstant il-bord qed jirrakomanda illi din l-offerta tingħata lil J.C. Wrought Ironworks peress li huwa l-uniku offerent.

***Il-Kunsilliera s-Sinjura Elizabeth Cassar ipproponiet illi din l-offerta tingħata lil J.C. Wrought Ironwork u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li dan il-kuntrattur jagħmel xogħol tajjeb ħafna pero` għal ċertu xogħlijiet bħal per eżempju biex jitwaħlu l-bankijiet jistgħu jsiru mill-ħaddiema tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi l-ħaddiema tagħna għandhom bżonn li ċertu xogħol jagħmluh aħjar.

**71.5.2** **<u>KLM 2018/02 – Professional service of an architect to the Marsaskala Local Council:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv iddikjara konflitt ta' interess u għaldaqstant ħareġ mill-laqgħa u ippresediet il-laqgħa l-Prinċipal is-Sinjura Lucille Bonnici.

| **<u>Offer ID</u>** | **<u>Name of EO</u>** | **<u>Price</u>** |
|---|---|---|
| 90398 | Perit William Lewis | €8315.00 |
| 90369 | Perit Aaron Abela | €10910.00 |
| 90316 | Med Developers Designers and consultants Ltd | €9300.00 |

Is-Sinjura Lucille Bonnici spjegat illi kien hemm tlett offerti u li l-offerenti l-Perit William Lewis u l-Med Developers Designers and Consultants Ltd kien *adminsitravelly u technically compliant* imma *financially non compliant*. Fir-rigward tal-Perit William Lewis il-bord kien bagħat rikjesta għal kjarifikazzjoni ta' *aritmethical error* iżda dan l-offerent ma irrispondiex għal din il-kjarifika. Fir-rigward tal-Med Developers Designers and Consultants Ltd ġie *financially non compliant* għaliex ma issottomettiex l-offerta kompluta.

Is-Sinjura Lucille Bonnici kompliet tispjega illi wara l-bord kien ta r-rakkomandazzjoni li din l-offerta tingħata lil Perit Aaron Abela, kien reġa iltaqgħa għaliex il-bord innota li meta wieħed jimla is-*cell* ta' item 4 tal-perċentaġġ (liema *cell* hija r-rata li huwa mitlub jissottometti l-offerent), fit-*template* li ġiet ippublikata f'*format excel* fuq *l-ePPS*, is-*cell* tal-perċentaġġ mhux formetjata biex il-valur jidher bħala figura b'2 *decimal places* iżda, l-valur awtomatikament jiġi *rounded*. L-*excel* allura, jirrawndja l-perċentaġġ. Il-bord ħass li għalhekk kellu jerġa jiltaqa biex jiddiskuti. Hija kompliet tispjega illi wara li reġgħu saru l-evalwazzjoniet u konsiderazzjoniet neċessarji, l-bord ikkonferma l-ħsibijiet tiegħu li kellu fil-laqgħa preċedenti u baqa tal-opinjoni li l-ewwel offerent 90398 Perit William Lewis huwa *financially non compliant*, it-tieni offerent 90369 Perit Aaron Abela huwa *administrative, technically and financially compliant* u t-tielet offerent Med Developers Designers and Consultants Ltd jiġi *financially non compliant*. Għaldaqstant il-bord qed jirrakomanda illi din l-offerta tingħata lil Perit Aaron Abela.

***Il-Kunsillier s-Sur Charlot Mifsud ippropona illi din l-offerta tingħata lil Perit Aaron***

***Abela u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***



**71.5.2.1** Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard staqsiet min ser jibqa jieħu ħsieb il-kostruzzjoni tal-bandli taż-Żonqor.

Is-Sinjura Lucille Bonniċi weġbieta li ix-xogħolijiet l-aħjar jiġu ċertifikati mil-Perit William Lewis peress li xogħolijiet ser jilħqu jkunu fi stadju avvanzat.

**71.5.2.2** Is-Sinjura Lucille Bonnici spjegat lill-Kunsilliera illi fuq rakkomandazzjoni tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali qalulna illi peress li t-*tender* tal-bini tal-Kunsill qed jiġi maħdum mill-Perit preżenti li huwa il-Perit William Lewis, jekk ikun hemm tibdil fil-ħatra tal-perit huma tal-parir illi bħal xogħol tal-ewwel fażi tat-*tender* li jikkonsisti fil-*piling* u fil-bini jibqa jieħu ħsiebu il-Perit William Lewis imbghad it-tieni fażi tal-proġett li huma l-*finishing*s jinħareġ *tender* u jieħu ħsieba il-perit il-ġdid tal-kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nistennew sabiex jgħaddi ż-żmien tal-appel imbagħad issir seduta sabiex tiġi diskussa minn ser jieħu ħsieb ix-xogħol tal-bini tal-Kunsill.

**71.2.7** B'referenza għad-diskussjoni li saret iktar kmieni f'dan l-artiklu l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ippreżenta *sample* tal-fustun u l-kunsill qabel li l-bozza tkun 6400k 2w

**71.6** **<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġa.</u>**

Ma kienx hemm items oħra.

**71.7** **<u>Korrispondenza:</u>**

**71.7.1** ***<u>Informazzjoni mil-Perit dwar PC0055/18:</u>***

Is-Sindku spejga illi hu flimkien mal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Lawence Ciantar attendew għal din il-protesta magħmula min-naħa tar-residenti għal binja proposta fi Triq l-Għaġuża ma Triq l-Għawwiema. Huwa spjega illi r-residnti huma imħasbin minħabba żewġ toroq li ser jinfetħu ġo din il-blokka u li ser jkunu *cul de sac*, filwaqt ukoll illi peress li hemmek huwa wied jinsabu preokkupati mill-għargħar. Punt ieħor li semmew ir-residenti huwa minħabba l-ammont ta' siġar tal-ħarrub li hemm.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li irridu noqgħdu attenti li peress illi binja hija waħda sostazjali u Triq l-Għaġuza tintuża fix-xitwa minħabba l-ilmijiet li jkun hemm fi Triq iż-Żonqor, wieħed jrid jara illi Triq l-Għaġuza minn kurduna sa kurduna tkun wiesgħa minn minimu ta' 30 pied sa massimu ta' 34 pied, bil-parkeġġi fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Huwa qal ukoll illi wieħed jrid jara illi jkun hemm biżżejjed wisha fi Triq l-Għaġuża għal karozzi li jkun ħerġien minn din il-blokka.

Is-Sindku qal illi filkas jsiru *żewġ culverts* fi Triq l-Għaġuża ħalli jilqgħu l-ilma li ser ikun qed joħroġ minn din il-blokka.

**71.7.2** ***<u>Rikors tal-appell kontra applikazzjoni għal iżvilupp PA6904/16 proposed outdoor catering area to an existing restaurant fi Stefanel Cafe:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil kunsilliera illi wara li konna bagħtna l-*objections* u l-permess ġie irrifjutat, it-tribunal tal-appell ġie miċħud.

**71.7.3** ***<u>PA 722/13 li tikkonċerna kiosk fil-Bajja ta' San Tumas. Il-każ se jinstema fis-29 ta' Mejju 2018:</u>***

Il-Kunsill qabel unanimament illi għadu bl-istess deċiżjoni li kien ġie deċiż fil-passat. Il-Kunsill kien oġġezzjona illi issir tinda kbira u kif ukoll li dan l-applikant jkollu il-permessi

neċessarji mil-awtoritajiet ikkonċernati kif ukoll tal-*Lands Department*, liema deċżjoni li kienet ittieħdet ser tkun atteċjata mal-minuti.



**71.7.4** ***Stima għal xogħolijiet ta' dawn fuq is-simenta:***

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri spjega li kien ltaqa` mal-Enemalta fuq il-post u qal li trid issir katusa taħt l-art sabiex jgħaddu l-*wires* minnha. Huwa kompla jispjega illi l-kaxxa ser tiġi 'l fuq mil-bankina fejn hemm iċ-ċint, għaliex fil-preżent il-Kappillan kien ippogija fuq ir-roti ħdejn l-arblu. Huwa kompla jispjega illi l-*cabinet* l-kbir ser jiġi ġol ħajt bejn il-kamra u l-arblu fi Triq San Gorg u t-trinka li ser issir sal-faċċata ser tfondi l'isfel ġol konkos 75mm pero` probabilment ser jfondu inqas minħabba li hemm ċans li jsibu l-ilma baħar. Huwa qal li l-problema l-oħra li hemm peress li fil-preżent hemm *pipe* mikxuf u sar *patching temporanju* fuqu sakemm issir it-trinka u ndaħlu l-*wires* ġol pipijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn ix-xogħlijiet.

**71.7.5** ***Risposta interna għal sejħa għal Assistent Principal:***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi is-sejħa interna għal pożizzjoni ta' Assistent Prinċipal ħarġet u kien hemm applikazzjoni waħda biss tas-Sinjorina Chantel Zammit.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din is-sejħa tingħata lis-Sinjorina Chantel Zammit u tkun inġaggata fi skala 11 punt 3.

**71.7.6** ***Talba emendata għal kumpens fuq vettura li għaddiet min Triq tal-Gardiel misjuqa mis-Sur Angelo Camilleri (35/1457/18/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi s-Sur Camilleri kien diġa klejma fis-seduta preċedenti u l-Kunsill ma kienx laqgħa t-talba tiegħu u b'hekk kien reġa bagħat stima emendata fuq il-ħsara li kien ġarrab fil-vettura tiegħu. Huwa qal li kien infurmah illi l-Kunsill mhux ser jgħati rifużjoni fuq *shock absorbers* u mollol.

Il-Kunsill qabel unaninamemt li jingħata 70% tal-ħsara li ġarrab fuq it-*tyre* u fuq ir-rim.

**71.7.7** ***Stima għal CCTV cameras fil-Kunsill:***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi hemm bżonn li ssir *cctv cameras* fir-*reception* tal-kunsill ħalli jkun hemm iktar sigurta`.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hemm żewġ opzjonijiet, waħda bl-*audio* u l-oħra mingħajr.

Il-Kunsill qabel unanimament illi issir is-*cctv cameras* u wara li ssir diskussjoni mal-impjegati tal-*customer care* tiġi deċiża jekk hux bl-*audio* jew mingħajr *audio*.

**71.7.8** ***Għaqda Baħħara u Sajjieda:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellmhu tal-għaqda baħħara u sajjieda fuq l-istat ħażin li tinsab fih l-*islipway* ta' faċċata tal-knisja.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lil *Malta Maritime Authority* sabiex jirrenġaw din l-*islipway*.

**71.8** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:***

**71.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-*invoices* li daħlu tard u ser jippreżenthom

waqt il-laqgha:

1. Douzelage meetring tad-douzyouth li sar fit- 8-11 Frar 2018 għal amount ta €120.00.



2. Perit William Lewis bl-invoice 70/18 rigwrad il-professional fees tat-tibdil tar-rubber florring tal-bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici għal ammont ta' €81.79

**71.8.2** Il-Viċi Sidku Dr. Desiree Attard satqsiet fuq pagament nru 5682 tal-Green Mt, peress li fis-seduta li għaddiet kien tkelmu li għandu jsir eżerċizzju ta' x'ħa nżommu u x'ħa neħħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn ilhom li kienu provdewlna servizz għal dan il-pagament.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan il-pagament ma għandux jintbagħat sakemm nirċievu l-pagment dovut lilna għas-sena 2017.

**71.8.3** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi pagament numru 5659 tas-Sur Lawrence Cassar fuq it-tiżjien tal-Milied u ġie mwieġeb mis-Segretarju Eżekuttiv li dawn il-flus ser nirċevuhom lura min-naħa ta' l-MTA.

***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondiet. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**71.9** ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

Ma kienx hemm mozzjonijiet

❖ ***<u>Ipads u mobiles charging stations:</u>***

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li ltaqa ma prodott ġdid li huwa *ipad/mobile charging station* li jista jitpoġġa f'ġonna u postijiet pubbliċi, fejn wieħed jista jiċċarġja *mobiles u ipads*. Huwa kompla jispjega li kull *station* jkollha *usb port* u tista tqabbad magħha *4 outlets*. Huwa qal li hemm żewġ għażliet ta' kif taħdem din l-*istation*, jew bis-*solar pannels* jew inkella b'fergħa minn mal-*main*. Huwa qal li huwa tal-opinjoni illi fil-bandli l-ġdid taż-żonqor għandhom jsiru żewġ *stations* minnhom.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri jkompli jaħdem fuqhom.

❖ ***<u>Arblu fil-bandli ta' Żonqor:</u>***

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem rigward l-arbli tal-Enemalta li hemm f'nofs il-bandli taż-Żonqor sabiex jiġi relokat mal-faċċata ħdejn il-faċċata tar-residenti. Huwa qal li tkellem mar-residenti li kif ikollu il-kunsens finali dan l-arblu jiġi rilokat.

Is-Segretarju Eżekuttiv reġa tkellem fuq id-dawl tal-bandli taż-Żonqor sabiex jieħdu deċiżjoni malajr ta' x tip ta dawl ser jitnuża minħabbba l-bord tal-uif.

❖ ***<u>Bandli taż-Żonqor:</u>***

Is-Sindku qal li fit-2 ta' Settembru li huwa Jum Marsaskala l-bandli taż-Żonqor għandu jkun lest u għaldaqstant il-bandli għadnu jissemma għal Alfred Debono bl-isem Ġnien Alfred Debono.

❖ ***<u>Hop off u Hop on buses:</u>***

Is-Sindku qal li ltaqa mas-Sinjura Elisabeth Aquilina tal-MTA u hemm il-possibilita` li ser naslu fuq il-*hop on u hop off buses* u qal li minflokk ngħamlu l-*magazine* din id-darba isir *leaflet* fuq Marsaskala biex intuwhom fuq il-*buses*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi kien ltaqa` ma persuna li qed jaħdem fuq *booklet* fuq Marsaskala jekk jinteressa lil Kunsill.



❖ ***Magħluq:***

Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-Maqgħluq beda u qal illi x-xogħol kien ilhu li beda avolja ma kienx qed jidher. Huwa kompla jispjega illi qed jistennew il-permessi tal-PA sabiex jitkompla x-xogħol fuq il-Magħluq. Huwa qal illi fis-6 ta' Ġunju ser jkun Jum Dinji tal-ambjent. Huwa qal li waqt is-seduta mal-Onorevoli Herrera kienu preżenti s-Sindku, il-Kunsillier is-sur Lawrence Ciantar kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv. L-applikazzjoni li kienet ġiet sottomess l-PA mil-Works Division kienet ġiet sospiża u issa qiegħda f'idejn l-ERA. Huwa kompla jispjega li se jagħmlu minn kollox biex jaraw kif isolvu l-problema ta' sadd tal-pipijiet li mil-Magħluq jagħtu għal baħar. Fil-frattemp se sjir tindif tal-algae u intagħżel kuntrattur ieħor biex jieħu ħsieb il-ġrieden filwaqt li l-fence kienet diġa saret.

❖ ***Proġetti Douzelage:***

Is-Sindku qal illi din il-ġimgħa kien hemm żewġ proġetti tad-Douzelage u huwa stieden lil Kunsilliera illi jekk jafu b'xi żgħażagħ li huma interessati li jieħdu sehem fil-proġetti tad-*Douzelage* għandhom jinfurmawh.

❖ ***AGM 2022:***

Is-Sindku informa lil kunsilliera illi l-AGM tas-sena 2022 ser issir Malta u jkunu mistiedna madwar 150 ruħ li rridu niprovdulhom akkomodazzjoni, ikel u transport. Huwa issuġġerixxa illi minn kull kwartt inwarbu €5000 sabiex nibdew infaddlu għalih u nifthu kont għalih. Dan ifisser €20,000 fis-sena

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan

❖ ***Waffel Masters Triq ix-Xatt:***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li dan l-istabbiliment qed joħroġ l-imwejjed u siġġijiet barra.

**71.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 20 ta' Ġunju 2018 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 21 ta' Mejju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |